MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 40/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christian Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christian Mallia talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fil-21 ta' Mejju 2007 f'Tanti Palmier Confectionery – Pjazza Kappillan Muscat – Hamrun, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, provdew jew offrew li jipprovdu lil persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti, waqt li kien sprovvist minn *cash register* fiskali jew kotba tar-ricevuti kif

mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 51 u 77(o) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Christian Mallia hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatu multa ta' tmien mitt euro (€800);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Christian Mallia pprezentat fis-16 ta' Frar 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu fis-sens illi l-prosekuzzjoni naqset li taghmel il-prova li l-*confectionery* Tanti Palmier ghadda b'titolu minghand Tanti Palmier ghal fuq Christian Mallia. Kieku vverifikat, kien jirrizultalha fin-negattiv ghax l-appellant kien qieghed jara kif inhu n-negozju u kellu *option* li jsir trasferiment eventwali fuqu jekk jara li jista' jmexxieh u l-hanut kien jirrendi. Skond l-artikolu 13 ta' l-Iskeda 13 ta' l-Att, is-*supplier* kien ghadu Tanti Palmier u l-appellant kien qieghed jagixxi bhala mandatarju tieghu, bhala persuna inkarigata mis-*supplier*. U ricevuti kien qieghed johrog. Huwa minnu, jkompli l-appellant, li kien applika ghal numru tal-VAT imma ma kienx se jibda juzah qabel il-hanut idur fuqu u l-qliegh u kollox imur ghalih. Skond l-appellant, huwa ovvju li Tanti Palmier ma kienx ser ihalli li n-negozju jitmexxa minn haddiehor, jaghmel il-qliegh haddiehor u mal-VAT Department jidher illi qieghed ibiegh hu u jaqla' hu, specjalment meta l-VAT Department u l-Income Tax Department huma naturalment konnessi u interkonnessi. Tanti Palmier la ma kienx ghadu ttrasferixxa n-negozju ma setax lanqas inehhi l-*cash*

*register* li kien hemm ghax kollox kien qieghed isir f'ismu bhala t-titolari. Il-fatt li xi hadd ikun interessat f'negozju ta' haddiehor ma jgibx mieghu l-obbligu mmedjat li jkollu *cash register* fuq ismu, ghaliex dak il-post ma jkunx effettivament qieghed jagixxi fuq ismu, u jekk jagixxi fuq ismu minghajr ma jkun sar it-*transfer* tal-licenzja, ikun qieghed jikser il-ligi. L-appellant jghid illi hu gie akkuzat li hu jew impjegati tieghu ghamlu bejgh minghajr ma hargu ricevuta fiskali, li hu kien sprovvist minn *cash register*. Jekk wiehed jara l-artikoli citati ma jsib xejn li jikkonforta t-tezi tal-prosekuzzjoni ghaliex ir-regolamenti citati jsemmu li t-tip ta' *cash register* irid ikun approvat. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li "rrizulta li kien sprovvist minn *cash register* kif approvat mill-Kummissarju tat-Taxxa dwar Valur Mizjud".

L-aggravju ta' l-appellant jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Il-prosekuzzjoni pproduciet zewg xhieda, lil Paul Scicluna li kkonferma d-dokumenti a fol. 3 – 5 tal-process li kien esebixxa quddiem l-ewwel Qorti, u lil Carmel Camilleri, il-VAT Inspector li acceda fil-fond imsemmi.

Carmel Camilleri xehed illi kienu marru fil-hanut Tanti Palmier fi Triq il-Kappillan Muscat, Hamrun, fejn sabu lill-appellant qieghed ibiegh. L-ircevuti li kien qieghed jirrilaxxja kienu jghajtu lil Tanti Palmier. L-appellant qal lill-VAT Inspectors li kien ha jaqleb in-numru tal-VAT ghax kien qieghed fuq prova. Saqsewh kemm kien ilu u qal li kien ilu minn April. Avzawh biex ibiddel in-numru tal-VAT u jordna l-kotba fiskali ghax ma kellux fuq il-post u jibda jahdem bihom. Ma dahlux fil-kwistjoni ta' licenzja ghax huma li kien jinteressahom in-numru tal-VAT lil min jghajjat. L-ispezzjoni saret fil-21 ta' Mejju 2007. Skond ix-xhud, Tanti Palmier kien ghadu rregistrat.

Fost id-dokumenti esibiti minn Paul Scicluna hemm l-applikazzjoni ta' l-appellant ghar-registrazzjoni mad-Dipartiment tal-VAT. Din l-applikazzjoni giet ipprezentata fit-12 ta' April 2007 u fiha indika li l-attivita` ekonomika tieghu f'Tanti Palmier Confectionery kienet se tibda fit-13 ta' April 2007. Id-data ta' registrazzjoni mbaghad inghatat b'effett mill-1 ta' April 2007 u n-numru tal-VAT registrat fit-

23 ta’ April 2007. Fil-formula ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-appellant seta’ kien “bi prova”. Anzi indika lilu nnifsu bhala “sole proprietor” tan-negozju u li n-negozju kien immexxi minnu “full time”. Jigifieri d-dokument ufficjali li mela l-appellant juri l-kuntrarju ta’ dak li huwa sostna ma’ l-ispetturi tal-VAT. Bejn id-data tar-registrazzjoni u d-data li fiha marru l-ispetturi tal-VAT kien hemm bizzejjed zmien biex l-appellant ikollu l-ircevuti fiskali manwali u/jew il-*cash register* bin-numru tal-VAT tieghu. Ghalhekk, kien jew ma kienx irregistrat Tanti Palmier huwa rrelevanti ghall-finijiet ta’ dawn il-proceduri. L-ispetturi tal-VAT sabu fil-hanut in kwistjoni lill-persuna (l-appellant) li kienet applikat ghal numru tal-VAT peress illi kienet se tibda topera l-imsemmi hanut <u>b’effett mit-13 ta’ April 2007</u> (kif kien iddikjara hu stess). Konsegwentement l-appellant ma kienx qieghed in regola bil-mod kif kien qieghed ibiegh.

Skond l-artikolu 51 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta:

**“Kull persuna li taghmel xi provvista, hlief ghal provvista ezenti bla kreditu jew hlief ghal provvista li dwarha hija mehtiega li tinhareg fattura ta’ taxxa skond l-artikolu 50, ghandha tipprovdi lill-persuna li lilha ssir il-provvista <u>fattura, ricevuta jew dokument iehor li ghandu jinhareg fil-forma u b’dak il-mod u ghandu jkun fih dawk il-partikolaritajiet kif murija fit-Tlettax-il Skeda</u>”** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

It-tlettax-il artikolu tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 406 jipprovdi :

**“(1) *Cash register* fiskali ghandu:**

**(*a*) jkun sufficjenti biex jaghmel dawk il-funzjonijiet li jinsabu elenkati fil-paragrafu (2) ta’ din il-partita; u**
**(*b*) jkun ta’ tip specifikatament approvat mill-Kummissarju permezz ta’ avviz ippubblikat fil-Gazzetta jew approvat ghall-ghanijiet ta’ u skond l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa jew l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

**(2) Il-funzjonijiet li *cash register* ghandu jkun sufficjenti ghalihom ghall-ghanijiet tas-subparagrafu (*a*) tal-paragrafu (1) ta' din il-partita huma:**

**(*a*) l-istampar ta' ricevuta maqsuma f'partiti ghall-provvisti maghmula f'kull operazzjoni b'mod li jigi indikat –**

**(i) isem u indirizz ta' min jaghmel il-provvista u n-numru ta'**
**identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud"**
(sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-kaz in ezami l-appellant la kellu l-*cash register* li kien qieghed johrog ircevuti bin-numru tieghu tal-VAT u lanqas ma kellu kotba ta' l-ircevuti fiskali manwali. Konsegwentement l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------